## ~~IŻ-ŻIEMEL TAL-HAJJA~~

~~*Żiemel maħrub iż-Żmien — żiemel bla lġiem;*~~
~~*Riġlejh milwija mtajjra ma' l-irjieħ;*~~
~~*Nifsu tan-nar imħarħar imma sħiħ*~~
~~*Għaddej milbut u mnaffar mingħajr sliem.*~~
~~*Hadd lewma għal dil-ħarba w la kliem;*~~
~~*Rikkieb fuqu ma' għandux; is-sarġ neħħieh.*~~
~~*Widnejh weqfin u donnu mingħajr smigħ.*~~
~~*Tqawqib in-nagħal iħassar kull egħliem.*~~

~~*Żiemel maħrub imnaffar fejn hu sejjer,*~~
~~*Għat-tliegħi w għall-inżul mingħajr waqfien*~~
~~*Lejn l-għarb fejn tgħib ix-xemx ta' Filgħaxija?*~~
~~*Ma jieqaf qatt. Għalxejn ngħajjat u nxejjer;*~~
~~*Rasu 'l quddiem hu jgħaddi mingħalija*~~
~~*Xewqan li l-Lejl jobormu ġod-dagħbien!*~~

~~19.iii.62~~

## IT-TFULIJA

*Nixtieq iż-żmien ta' qabel l-irġulija*
*Li naf jisfa minn moħħi bħal taħżiża*
*Ta' kitba mħassra; 'mma tifkira għażiża*
*U daqsbekk biss. Żmien wieħed — it-tfulija,*
*Il-qalb għasfura tgħanni bla kburija*
*Il-qalb sħuna bix-xemx mingħajr tingiża*
*Ta' għira jew ta' regħba xiħa w griża*
*Li tkerrah ġbin il-kobor bis-sfurija.*

*Niċkien, mbux nikber xtaqt; nerġa' mmur lura*
*Lejn żmien il-logħob ma' sħabi tal-Munxar*
*Ix-Xlendi, w l-Għalqa l-Kbira u Ta' Marziena*
*Fejn il-kalkara darba kont bnejt dura.*
*U żrajt il-qamħ ir-rum u ponn ġilbiena:*
*Holma tat-tfal ma ddumx. Li għadda mar!*

19.iii.62